# Dun Pietru Pawl Grima

*Ta'* TONINU XIBERRAS

RA t-twelid fir-raħal sbejjaħ tan-Naxxar, pajjiż il-qalbieni Toni Baj.ada, Pietru Pawl Grima, nhar id-19 ta' Settembru, 1894. Ma damx jitħenna f'raħal twelidu, imma baqa' jħobbu tul ħajtu kollha. Daħal is-Seminarju t'Għawdex miġbud mis-sejħa t'Alla li jsir qassis. Wara ssokta l-istudju tiegħu fil-Kulleġġ Ca-pranica f'Ruma. Qaddes fil-belt tal-Papiet nhar it-30 ta' Marzu, 1918. Ħabib kbir tas-Sur Fons Galea u sieħbu fil-kitba Maltija, Dun Pietru Pawl Grima ħadem għal Alla u għar-rebħa ta' Lsien-na. Il-medda ta' ħajtu bħala qassis tingħalaq f'dawra qasira ta' 14-il sena, imma li fihom ħadem iżżejjed. Miet fil-għodwa tat-13 ta' Mejju, 1932, qabel ma reġa' ra mill-ġdid ir-raħal li taħ il-ħajja.

Fetaħ it-triq tal-kitba tiegħu "Il-Ħajja ta' Sidna Ġesù Kris-tu" li kiteb f'Albano (1917); dan u "Il-Ġrajja tal-Għaqda l-Qadi-ma" u "Alla Bagħtu", huma l-aqwa xogħlijiet tiegħu. Kotba oħra tiegħu huma: "Il-Ġens t'Alla" (1932); "Il-Għejjun tal-Ħajja" (2 kotba ta' tifsir fuq il-kmandamenti u l-preċetti) u bħala ġawhra ta' ktieb ta' talb: "Il-Ħajja Nisranija", b'500 faċċata. Kitba ta' proża oħra għandu kotra ta' artikoli f'perjodiċi reliġjużi, barra minn xi ktejjeb maqlub mit-taljan fuq il-Qalb ta' Ġesù u l-Madonna. Bħala traduttur tal-Kotba Mqaddsa rnexxa ħafna. Igħodd ir-Rabta l-Ġdida kollha u 8 tal-Qadima, kif ukoll xi tifsir tat-traduzzjonijiet ta' Fonsu M. Galea.

Il-poeżija ta' Grima hi għolja wkoll. L-itwal u l-aqwa waħda b'416-il vers hija: "Id-Dlam iktar jiddi mid-Dawl" (1924). Il-bqija huma kollha mxerrdin fil-gazzetti u l-perjodiċi tagħna, barra minn xi sunetti li tqassmu fil-festi tat-titulari, l-iktar tan-Naxxar, raħal twelidu. "Il-Malti" u l-kittieba tal-Malti kien ikoll-hom b'min jiftaħru iktar kieku l-medda ta' ħajtu ma kenitx biss ta' 37 sena. Bniedem li ħadem għal Alla u għal pajjiżu, m'għandu jintesa qatt, imma jittieħed bħala xempju għalina ta' Malti qal-bieni.



# Irene

*Ta'* Ġ. CASSAR PULLICINO

QATT ma konna smajnieh jitkellem fuq l-imħabba. Malajr kien jitbikkem meta xi ħadd kien isemmi fuq tfajliet jew namur. Imma minn għajnejh il-Kaptan kien jidher li das-suġ-ġett kien iqanqal fih tifkiriet ta' niket u ta' swied il-qalb.

Mela darba kien filgħaxija, is-sema msaħħab u l-qamar, im-għajjeb, jarmi d-dawl mitfi tiegħu fuq baħar u art. Riħ qawwi kien jonfoħ, donnu qed isefsef ġrajjiet qodma, moħbija fid-dell ta' l-imgħoddi. Konna qed nitkellmu, wara l-ikel, kulħadd idaħ-ħan il-pipa jew jaħraq is-sigarretti fejn il-bieb ta' barra. Xi ħadd minna kien qal xi ħaġa fuq il-ħajja, kif turik ħaġa u mbagħad issib oħra—u l-kliem minn hekk malajr waqa' fuq l-imħabba. Wara ftit rajna l-Kaptan jaqla' l-pipa minn ħalqu, ifarfar il-ġa-mar mal-bankina, idur lejna u jgħidilna: "Il-lejla sa niftaħ qalbi magħkom u ngħidilkom biċċa minn żgħużiti li tefgħet dell iswed fuq il-bqija ta' ħajti. Kull meta niftakar f'dik il-ġrajja, inħossni rġajt sirt żagħżugħ bħalma kont, mimli bl-imħabba lejn Irene—ix-xebba ta' għajnejha kbar u leħenha sbejjaħ......

"Faqqgħet il-Gwerra l-Kbira. Kont għadni kemm għalaqt it-tmintax; Malta kont xbajt u ridt nara d-dinja. Ftit qabel kont ilħaqt kadett, u wara ftit tajt ismi b'voluntier għall-Greċja. Tlaqt mingħajr anqas biss ma għidt 'l ommi—u sibt ruħi fuq basti-ment, ma' ħafna oħrajn ta' kull xorta. Kellna magħna nies ta' qattagħni, għal kull xejn jiġġieldu, jaħilfu u jidgħu, u joħorġu l-imwies għal xulxin. Saħansitra darba riedu jagħmlu għalina l-fizzjali... Wasalna l-Greċja u wara xi tliet xhur bagħtuna f'belt ftit 'il ġewwa. X'nagħmlu wisq ma kellniex u stajna nqattgħu siegħa żmien sewwa kemm domna hemmhekk. Kien dik il-ħabta li jien rajt l-ewwel darba 'l Irene......

"Kienet tifla ta' neguzjant jagħmilha tajjeb, nisel Malti, miżżewweġ 'il waħda Russa, imqabbad tajjeb fin-negozju. Tifla waħda kellu: kienet din Irene—il-għaxqa ta' qalbu. Tagħlim kien taha mill-aħjar li seta', u hi, barra l-kotba u x-xogħol tad-dar, kienet mitlufa fuq il-mużika u l-kant. L-hena tagħha wkoll is-